# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 640/09/1**

**A.J.D. *Tuna Limited***
**(C 26300)**

**vs.**

**Gerald Jean Lubrano detentur tal-passaport numru 08BA53192 u residenti 57, Impasse des Roches Rouges, 34540 Balaruc-Les-Bains, France**
**B'digriet datat l-4 t'April, 2018, l-isem tal-intimat jigi jaqra Gerald Lubrano**

Il-Qorti,

1. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet A.J.D. *Tuna Limited* (C-26300) vs. Gerald Jean Lubrano, datata l-24 ta' Gunju, 2016, (ara foll 102 tal-process *in appell*), li permezz taghha l-imsemmija qorti ordnat li l-atti jigu rinvijati biex il-qorti odjerna tidhol fil-mertu tat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti biex jigi salvagwardat il-principju tad-*doppio esame*, (ara foll 109 *a tergo* tal-istess process *in appell*);

2. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat il-15 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 49 tal-process odjern fuq indikat);

3. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita, awtorizzat lill-kontendenti biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 58), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 67 u 68);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata s-27 ta' Marzu, 2018, (ara foll 69);

5. Tissottolinea li t-terminu hekk moghti lil-intimat ghadda inutilment;

6. Semghet lix-xhud prodott *in atti*;

7. Ezaminat id-dokumenti prodotti flimkien mal-process Numru 640/09/AL tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u l-process bl-istess numru in Appell, annessi mal-procedura odjerna;

8. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti datat it-22 ta' Mejju, 2018, li permezz tieghu informa lill-qorti li ma kellux aktar x'izid man-nota tieghu, (ara foll 71);

9. Tirrileva li l-intimat ghazel li jhalli l-perjodu lilu koncess biex jipprezenta in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghaddi inutilment;

Ikkunsidrat:

10. Illi din hi sentenza fuq il-mertu li ta bidu ghall-procedura odjerna wara s-sentenza fuq riferita tal-Qorti tal-Appell, (ara paragrafu numru wiehed, (1.), aktar qabel);

11.0. Illi skont ir-rikors guramentat promotur datat l-1 ta' Lulju, 2009, s-socjeta` rikorrenti sintetikament ippremettiet is-segwenti, (ara foll 1, Rikors Numru 640/09/AL anness mal-appell in dizamina):

11.1. Illi hi kreditrici tal-intimat fl-ammont ta' erba' mitt elf euro, (€400,000.00);

11.2. Illi dan l-ammont kien avvanzat lill-intimat mis-socjeta` rikorrenti u kellu jithallas lura perjodikament kif specifikat fl-istess rikors guramentat promotur;

11.3. Illi irrizulta pero` li dawn il-pagamenti baqghu ma sarux;

11.4. Illi ghalhekk l-ammont fuq indikat issa ghadu dovut fl-interezza tieghu flimkien mal-imghaxijiet relattivi mid-data tal-iskadenza taghhom;

11.5. Illi ghalkemm interpellat biex ihallas l-ammont minnu hekk dovut, l-intimat baqa' inadempjenti;

11.6. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimat jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

11.6.1. Tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' €400,000.00 avvanzata lill-intimat mis-socjeta` rikorrenti li kellhom jithallsu lura mill-intimat ratealment kif fuq indikat izda ma thallsux;

11.6.2. Bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data ta' kull skadenza sal-effettiv pagament;

11.6.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

12.0. Rat ir-risposta tal-intimat datata t-30 t'Ottubru, 2009, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 11, Rikors Numru 640/09/AL anness mal-appell in dizamina):

12.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infundati;

12.2. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hi nulla;

12.3. Illi l-azzjoni Maltija hi vessatorja;

12.4. Illi isem l-intimat hu biss Gerald Lubrano;

12.5. Illi l-qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti;

12.6. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

12.7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

12. Illi in vista tal-premess il-procedura odjerna hi issa limitata ghall-decizjoni rigwardanti l-kap tal-ispejjez;

13. Rat is-sentenza in *prim'istanza* datata t-30 ta' Marzu, 2012, dwar l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimat, (ara foll 44 tar-Rikors Numru 640/09/AL);

14. Rat is-sentenza *in appell* datata l-24 ta' Gunju, 2016, (ara foll 102 fl-atti tal-appell *de quo*);

15. Illi kif gia` sottolineat il-procedura regghet giet rinvijata mill-appell biex l-ewwel qorti issa tiddeciedi fuq il-mertu tal-istess;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu issa jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

16.1. Illi s-socjeta` rikorrenti selfet €400,000.00 lill-intimat, (ara foll 55);

16.2. Illi skont kuntratt datat il-11 ta' Marzu, 2006, (ara foll 13), l-intimat intrabat li jhallas lura l-ammont lilu hekk misluf b'rati prefissati u bl-imghaxijiet hemm indikati, (ara foll 13 u 14);

16.3. Illi l-intimat qatt m'irrifonda l-ammont lilu moghti b'self kif pattwit, (ara foll 55);

16.4. Illi l-intimat lanqas ipprova jipprezenta xi tip ta' prova in gustifikazzjoni tan-nuqqas tieghu li jirrifondi l-ammont lilu misluf mis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

17.1. Tiddikjara li l-intimat ghandu jaghti s-somma t'erbgha mitt elf euro, (€400,000.00), lis-socjeta` rikorrenti minnha lilu mislufa;

17.2. Tikkundanna ghalhekk lill-intimat biex ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

17.3. Bl-imghaxijiet legali dovuti mid-dati ta' kull skadenza kif indikat fir-rikors guramentat promotur sad-data tal-effettiv pagament;

17.4. Bl-ispejjez, kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, kontra l-istess intimat.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**